# ID-DAWL

FRAR 2024 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 74

**“Il-Mulej tiegħi agħmel iż-żerriegħa (ulied) tiegħi ġusta għalija.”**



L-Ambjent ta’ Djarna | Lingwaġġ Deċenti | It-Tisħiħ tal-Familji | Il-Prinċipji tal-Paċi

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# L-ambjent ta’ djarna

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Meta niltaqgħu ma’ sħabna, mal-membri tal-familja jew mal-kollegi tagħna, suġġett wieħed spiss jiġi diskuss b’interess u b’xewqa kbira u dik hija l-‘paċi’. Meta jkollna xewqa daqshekk profonda u taħraq għall-paċi, allura għaliex ix-xewqa tagħna mhix qed issir realtà, anzi, qed issir ferm aktar ’il bogħod milli ssir realtà? Nemmen li, mhux biss li nitkellmu jew li nixtiequ l-paċi, imma għandna dmir, kull wieħed u waħda minna, li naqdu l-akbar irwol tagħna biex nistabbilixxu l-paċi f’din id-dinja. Madankollu, il-paċi fid-dinja ma tistax tiġi stabbilita sakemm nagħmlu djarna residenza ta’ serenità, trankwillità u ta’ paċi; sakemm nagħmlu l-ħajja tal-familji tagħna riflessjoni vera ta’ paċi dejjiema u ta’ sodisfazzjon.

Huwa importanti li dejjem inżommu f’moħħna ħaj u frisk li, jekk aħna ma nkunux kapaċi li noħolqu u nżommu ambjent paċifiku fi djarna, allura mhix tama valida ta’ soċjetà paċifika jew b’mod ġenerali d-dinja kollha mimlija mħabba u paċi. Tassew, djarna huma s-sisien għall-paċi u l-ġustizzja fis-soċjetà u fid-dinja inġenerali. Verament, m’hemm xejn li jixbah il-paċi; hija prezzjuża ħafna. Il-paċi mhijiex is-sempliċi assenza ta’ gwerra, iżda ambjent ta’ serenità, kompetenza, prosperità u benesseri. Il-paċi hija l-istat tal-moħħ li tgħinu jiżviluppa aktar, jivvinta u jiffjorixxi. Jalla Alla jagħtina saħħa, għerf u abbiltajiet kollha sabiex nagħtu sehemna sabiex nagħmlu dak kollu li nistgħu biex id-dinja verament issir ġenna tal-art. Ammen.

**ID-DAWL**

FRAR 2024 – Numru 74 – Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

**INDEX**

| | |
|---|---|
| Environment of our homes | 02 |
| Use of decent language | 03 |
| Making families stronger | 04 |
| Pious and righteous progeny | 06 |
| Six basic principles of peace | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Lissma|Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# Użu ta' lingwaġġ artab u deċenti

Kif jingħad li, 'is-siġra tingħaraf mill-frott tagħha', bl-istess mod, il-bniedem jingħaraf bl-għemejjel, il-morali u l-valuri tiegħu. Huwa assolutament veru u fatt bla dubju u realtà kategorika li, mingħajr karattru sod u konvinċenti l-bnedmin huma bħal siġar li huma bla ebda frott. Għalhekk, jekk il-bniedem jixtieq li jkun jingħaraf bl-isem tajjeb fis-soċjetà allura għandu jkun b'valuri morali għolja ħafna, qalbu għandha tkun tad-deheb, għandu jkollu lsien mimli bl-għasel; u dejjem joqtor għasel minn kliemu. Min-naħa l-oħra, kif ngħidu li, 'l-giddieb għomru qasir', huwa wkoll minnu li dak li għandu lsien twil m'għandux rispett u standing fis-soċjetà; iċ-ċirku ta' nies tiegħu jibqa' dejjem żgħir u ħadd ma jħobb ikun madwaru.

## Il-Koran Imqaddes

"Kellmu bil-grazzja u bil-qalb lin-nies, agħmlu t-talb u agħtu l-karità." (2:84)

"Għid lill-qaddejja Tiegħi biex jgħidu dak li huwa l-aħjar (*id-diskors tagħhom ikun mill-aqwa f'kull aspett*). Tabilħaqq li x-Xitan iġib il-firda bejniethom. Tassew li x-Xitan huwa għadu fil-beraħ tal-bniedem." (17:54)

"Dawk li jisimgħu l-Kelma u jsegwu l-aħjar tagħha; huma dawk li Alla ggwidahom, u dawk huma n-nies ta' dehen." (39:19)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

"Kelma tajba hija karità." (*Bukhari* u *Muslim*)

"Ma tinjora u tiddisprezza xejn fit-tjubija, anke jekk tiltaqa' ma' ħuk fidil b'wiċċ jitbissem." (*Muslim*)

"Persuna li temmen ma tqarraqx jew tisħet jew tabbuża jew titkellem b'mod indiċenti." (*Tirmiżi*)

"L-indeċenza tisfigura kollox u l-pudur isaħħaħ is-seħer ta' kollox." (*Tirmiżi*)

"M'hemm ebda karatteristika oħra agħar għall-bniedem minn persuna bi lsien twil." "Il-fidil veru huwa wieħed li minn ilsienu u minn idejh fidili oħra huma siguri u jinsabu fil-paċi u s-sliem."

Q&A

# Kif nistgħu nsaħħu l-familji?

It-tema tal-familja mhux biss hija importanti iżda llum il-ġurnata saret kruċjali. Is-sitwazzjoni tal-familja ħżienet f'ħafna pajjiżi, u hemm tħassib serju dwarha, il-għaliex jidher li qed nesperjenzaw it-tifrik sħiħ tal-istruttura tal-familja. Relattivament is-sitwazzjoni f'Malta hija aħjar meta mqabbla ma' soċjetajiet oħra fil-Punent, madanakollu xorta qed inħossu din il-frammentazzjoni soċjali.

Għaldaqstant, hija 's-sejħa tal-mument', li aħna nitgħallmu l-metodi kollha possibbli sabiex insaħħu l-familji tagħna u nipprattikawhom b'dixxiplina.

Il-fatt huwa li familji sani u b'saħħithom huma s-sinsla ta' soċjetà, u soċjetà b'saħħitha hija s-sinsla ta' nazzjon vibranti, u bl-istess mod, nazzjonijiet vibranti huma s-sinsla ta' dinja paċifika u sinjura.

L-Iżlam ta importanza enormi lil dan is-suġġett u jittrattah b'sinifikat profond; u waqqaf regolamenti prezzjużi biex jagħmlu d-djar tagħna postijiet ta' sliem, imħabba u għożża.

## Żewġ aspetti ta' trobbija tajba

L-Iżlam jittratta s-suġġett ta' trobbija tajba minn żewġ aspetti differenti: l-ewwel, kif għandek issir raġel u mara tajbin fiż-żwieġ u mbagħad ġenituri tajbin; u t-tieni, kif għandna nagħtu trobbija xierqa lil uliedna.

L-Iżlam iħares lejn dawn iż-żewġ aspetti b'mod realistiku, profond u spiritwali. Il-versi li jinqraw fil-ħin tat-tħabbir ta' ċerimonja taż-żwieġ Iżlamiku, fil-qosor, jagħtu ħafna importanza lil dawn iż-żewġ aspetti. Alla Omnipotenti jgħid fil-Koran Imqaddes:

Intom li temmnu; ibżgħu mill-Mulej tagħkom, u għidu l-verità sħiħa. (*Jekk tagħmlu hekk, bħala premju*) Huwa jbiddlilkom l-imġiba tagħkom u jaħfrilkom dnubietkom. U dawk li jobdu lil Alla u l-Messaġġier Tiegħu żgur li se jiksbu suċċess enormi... Intom li temmnu, ħudu ħsieb id-dmir tagħkom lejn Alla, u ħallu lil kulħadd iħares lejn dak li jaħsad għall-quddiem.




Dawn il-versi jitfgħu dawl fuq ir-riforma tal-individwu, il-ksib ta' livelli għoljin morali u spiritwali, it-twaqqif ta' eżempji siewja u l-qrubija lejn il-Ħallieq, il-għaliex b'hekk tinbena t-triq biex 'jinkiseb suċċess enormi', jiġifieri ħajja tal-familja b'saħħitha u kuntenta.

## Iż-żerriegħa ġusta

Il-kliem 'ħallu lil kulħadd iħares lejn dak li jaħsad għall-quddiem', evidentement jiġbed l-attenzjoni tagħna lejn it-trobbija xierqa u tajba tal-ġenerazzjoni futura: li jitrabbew b'sentimenti reliġjużi; li jitrabbew bl-ogħla morali; li jitrabbew sodi fit-twemmin tagħhom; li jitrabbew bħala ċittadini leali; u li ngħinuhom jeċċellaw f'kull qasam tal-ħajja. Dan mhux biss itejjeb lil ħajjithom f'din id-dinja u ħajjithom fl-eternità u jiksbu s-sodisfazzjon ta' Alla Omnipotenti, iżda aħna wkoll ikun jixirqilna l-premju talli nkunu pprovdejnielhom trobbija tajba.

Il-Koran Imqaddes jgħallimna wkoll permezz ta' din it-talba: **"Il-Mulej tiegħi agħmel iż-żerriegħa (ulied) tiegħi ġusta għalija"** (46:16). Mela sewwa jgħidu li: **'dak li tiżra' taħsad'.**

It-tifsir u s-sinifikat ta' dan t'hawn fuq huwa li, jekk verament nixtiequ li jkollna suċċess, u ngħixu ħajja aħjar, b'aktar paċi u sodisfazzjon, u aktar minn hekk, jekk nixtiequ li l-ġenerazzjonijiet li jmiss ikunu b'saħħithom moralment, etikament, spiritwalment, akkademikament, finanzjarjament u soċjalment, u jkunu protetti mill-problemi soċjali, mela rridu nibnu familji sani, vibranti u b'saħħithom.

**Il-Mistoqsija hi: Kif se nagħmlu l-familji tagħna aktar b'saħħithom u kuntenti biex ikun hemm ġenituri aħjar u trobbija xierqa għall-ġenerazzjonijiet futuri? X'inhuma l-mezzi u r-rimedji li wieħed jista' juża biex jikseb dan il-għan mill-aktar importanti?**

F'dan il-ħin qasir disponibbli, nixtieq insemmi xi prinċipji bażiċi u fundamentali, li jekk jiġu segwiti b'sinċerità u fiduċja, l-għan importanti t'hawn fuq jista' jintlaħaq; u jiena ċert li b'hekk ngħinu biex nagħtu tifsira utli għall-ħolm tagħna li nagħmlu d-djar tagħna abitazzjonijiet ta' paċi, rispett u mogħdrija.

**L-Ewwel:** u l-aktar punt importanti huwa t-talb regolari u li jkollna relazzjoni mill-qrib ma' Alla Omnipotenti. Kemm ir-raġel kif ukoll il-mara għandhom dejjem iħabirku biex jimxu bl-onestà, u jitolbu biex ir-relazzjoni tagħhom tissaħħaħ u li jkollhom rispett lejn il-qraba rispettivi tagħhom. Meta l-koppji joħolqu relazzjoni ma' Alla, kull azzjoni tagħhom tkun imbierka u ppremjata, kif darba stqarr il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, li: "raġel li jqiegħed loqma, ftit ikel f'ħalq martu b'xewqa li jikseb il-mertu quddiem Alla, ikun wettaq att nobbli u dan iwassal għall-premju tiegħu."

**It-Tieni:** ir-raġel u l-mara bħala koppja miżżewġa għandhom responsabbiltajiet u obbligazzjonijiet kbar. It-tnejn li huma jridu jaħsbu f'xulxin u jkollhom sentimenti ta' mħabba u kompassjoni għal xulxin. Il-ħsus u l-emozzjonijiet tagħhom iridu jirriflettu l-imħabba u l-għożża għal xulxin. Il-Koran Imqaddes jagħti eżempju eċċellenti ta' raġel u mara f'dan il-vers li ġej, **"In-nisa huma libsa għal żwieġhom, u l-irġiel huma libsa għan-nisa tagħhom."** (2:188)

Dan ifisser li t-tnejn iridu jipproteġu lil xulxin, it-tnejn iridu jkunu mezz ta' faraġ u affezzjoni għal xulxin, u t-tnejn iridu jaċċettaw id-dgħufijiet u n-nuqqasijiet ta' xulxin; u mbagħad isiru esseri wieħed, kif qal il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih:

**“Intom se ssibu lil dawk li jemmnu bħala ġisem wieħed fejn jirrigwarda l-ħajja ta’ bejniethom, l-imħabba u l-għożża. Jekk ikun hemm id jew sieq jew parti oħra mill-ġisem li mhux qed tiffunzjona, mela l-bqija tal-ġisem se jsofri bin-nuqqas ta’ rqad u bid-deni.”**

Għaldaqstant, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara għandhom dejjem iħarsu lejn l-aspetti pożittivi ta’ xulxin, aktar milli n-nuqqasijiet ta’ xulxin. F’dan ir-rigward, ġejna mgħallma mill-Fundatur tal-Iżlam li jekk nilmħu difett f’xi ħadd jew ma togħġobniex xi drawwa tagħhom, għandu jkun hemm ħafna affarijiet oħra dwarhom li jistgħu jogħġbuna u nammiraw fihom. Dawn l-aspetti favorevoli għandhom jiġu kkunsidrati biex altruwistikament tinħoloq arja armonjuża u ambjent ta’ konċiljazzjoni.

**It-Tielet:** huwa wkoll importanti ħafna li r-raġel u l-mara dejjem isibu ħin għal xulxin, fejn ikunu jistgħu jitħaddtu b’mod ħieles u b’rispett ma’ xulxin. Jekk jinqala’ xi intopp, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara għandhom jiddiskutu b’mod rispettuż u b’dinjità ma’ xulxin biex isolvu l-problema.

**Ir-Raba’: “Sebbħu l-ġejjieni tagħkom u ta’ wliedkom kemm f’din id-dinja u kemm f’ta’ warajha.”** Dan huwa l-kliem prezzjuż tal-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana bħala gwida għall-ġenituri; u meta r-raġel u l-mara jkunu tħejjew sewwa, hemmhekk ikunu saru mudelli eżemplari għal uliedhom.

**Il-Ħames:** biex il-ħajja tal-familja ssir waħda sana u prospera, u tiżdied fiha t-togħma ħelwa tal-kuntentizza, huwa rrakkomandat bil-kbir li l-ġenituri jridu jqattgħu l-ħin prezzjuż u ta’ kwalità tagħhom ma’ wliedhom u joħolqu komunikazzjoni effettiva mal-membri kollha tal-familja. Barra minn hekk, it-tfal għandhom jiġu provduti b’ambjent seren u akkoljenti fejn ikunu jistgħu jiddiskutu l-affarijiet tagħhom b’mod liberu mal-ġenituri tagħhom. L-ambjent tad-dar għandu dejjem jirrifletti l-valuri essenzjali ta’ fiduċja, ġenerożità, imħabba bla kundizzjoni u rispett.

Nixtieq nagħlaq bil-kliem tal-fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana li fisser dan is-suġġett fil-qosor meta jgħid: **“Siru onesti u ġusti intom stess u kunu eżempju ta’ onestà u ġustizzja għal uliedkom.”** Jalla Alla Omnipotenti jgħin lil kulħadd jgħix b’tali mod li l-azzjonijiet tiegħu jagħtu pjaċir lil Alla u b’hekk jikseb il-Ġenna fiż-żewġ dinjiet. Ammen.

# Sitt prinċipji bażiċi tal-paċi



Alla l-Ħanin jgħid fil-Koran Imqaddes (16:91): **"Tassew, Alla jamar il-ġustizzja u l-għemil tat-tajjeb lill-oħrajn; il-karità lil kulħadd; u ma jippermettix l-indiċenza u l-ħażen u t-trasgressjoni."**

Jekk it-twissijiet f'dan il-vers jingħataw widen, kull pajjiż u kull nazzjon ma jagħrfu xejn ħlief il-paċi. Alla jħeġġiġna biex:

- **nirrispettaw il-ġustizzja;**
- **inwettqu l-ġid;**
  **nuru ħniena mal-oħrajn qishom il-familja tagħna;**
- **noqogħdu 'l bogħod, u nwissu lill-oħrajn biex joqogħdu 'l bogħod, mill-vizzji għax dawn jagħmlu ħafna ħsara u huma meqjusa bħala ħażen evidenti;**
- **ma neħduhiex kontra gvernijiet tajbin, li jwettqu l-ġid u jħobbu l-paċi, u nħeġġu lil oħrajn biex jagħmlu l-istess.**

Fi kliem ieħor, irridu nkunu ġusti, inwettqu l-ġid u nuru ħniena; irridu nevitaw l-indiċenza, il-ħażen ovvju u t-trasgressjoni u rridu nsalvaw lil ħaddieħor milli jaqa' vittma ta' dawn il-vizzji. Dawn huma s-sitt kmandamenti u prinċipji bażiċi għat-twaqqif tal-paċi. Kieku għexieren u eluf ta' nies istruwiti jkollhom jiddeliberaw ma' xulxin u fl-aħħar mill-aħħar joħolqu xi liġijiet bl-għan li jistabbilixxu l-paċi, żgur li ma jkunux kapaċi jikkreaw xi ħaġa aħjar mit-tagħlim konċiż, sħiħ u komprensiv tal-Koran Imqaddes.

Il-kunflitti f'din id-dinja jinħolqu meta ma ssirx ġustizzja, meta tiċċaħħad il-benefiċenza ta' xi benefattur, jew meta nfallu milli nuru ħniena ma' ħaddieħor daqslikieku kien jiġi minna. Kieku dawn il-kontravenzjonijiet jitwaqqfu, żgur li jkollna l-paċi fid-dinja. (Meħuda minn: *Il-Ħtieġa u l-Importanza tar-Reliġjon)*

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**